# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 31

**Il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Nil

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku,  ippresjeda

## Minuti

## 31.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

31.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi l-uffiċċju ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija, fin-nuqqas tal-kunsillier (CS). Is-Sindku spjega lil membri tal-Kunsill li hu kien bgħattlu ittra bil-posta reġistrata, wara li għamel diversi tentattivi bit-telefon, madankollu baqa' bla kuntatt. Il-membri qablu li għandu jsir tentattiv ieħor, min-naħa tas-Sindku.

## 31.02 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv

**Waqt dan il-mument waqaf lir-rekordjar tal-live-streaming, filwaqt li (SE) ħarġet 'l barra. F'dan il-ħin il-Kunsill iddiskuta wkoll l-għażla tad-deputat, (SE).**

31.02.01 B'vot unanimu l-membri kollha, bil-presenza tas-Sur Sindku qablu li s-Segretarju Eżekuttiv jistħoqlu jieħu l-ammont massimu ta' 10% bħala Performance Appraisal, wara li aċċella fis-servizz tiegħu.

31.02.02 Wara li l-uffiċċju rċieva tliet applikazzjonijiet għas-sejħa ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, b' vot unanimu, il-Kunsill ħatar lis-Sur Jordy Brincat.

## 31.03 Approvazzjoni tal-Minuti (29) u (30)

31.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-Minuti (29), minħabba li waqt is-seduta preċidenti, dakinhar ma kienx ittieħed vot, filwaqt li ntalbet kjarifika. (SE) ikkonfermat illi r-rapport amministrattiv tal-Kunsill, jiġi preparat u ppreżentat, waqt il-laqgħa ġenerali tal-Kunsill u mhux waqt il-laqgħa annwali.

31.03.02 Fir-rigward il-Minuti (29), (AC) talab li ssir emenda fl-ewwel vers, paġna 3/6, fejn titneħħa l-kelma *ħsieb* u minflok titpoġġa l-kelma *japplika.* (AC) talab ukoll sabiex f' referenza 29.04.01, is-sentenza tiġi emendata u tinqara: *Sa dawn l-aħħar ġranet saret pressjoni, biex dik iż-żona titnaddaf.*

31.03.03 Il-proponent tal-Minuti (29) kienet (JBD), is-sekondata minn (AC).

31.03.04 (SE) ippreżentat kopja tal-Minuti (30). Inġibdet l-attenzjoni minn (SZ) li għalkemm kien assenti fis-seduta preċidenti, para. 30.02.03, għandha tiġi eliminat mit-tieni sentenza 'l quddiem, u minflok għandu jitkompla b'sentenza li taqra: *Wara li (AC) talab lis-(SE) għal kjarifka, dakinhar ma ttieħidx vot sabiex jiġu approvati l-Minuti (29).*

31.03.05 Para. 30.05.03, il-viċi talab sabiex fl-aħħar ta' dan il-paragrafu, tiżdied sentenza li taqra*: Il-Kunsill qabel li jimxi mas-suġġeriment.* Kif ukoll l-aħħar sentenza f' para. 30.06.02 tinbidel u taqra: *issir mill-Eco Contribution Fund.* F' para. 30.08.13, (SC) talab biex fl-aħħar sentenza tiżdied: *biex il-Customer Care, jimxu magħha.*

31.03.06 Para. 30.08.18 (AC) talab sabiex fl-aħħar ta' dan il-paragrafu, tiżdied sentenza li taqra*: MPT qalu lil (AC) li qed jaħdmu biex iżidu s-servizz tal-karozza tal-linja, bin-numru (85). Madankollu, (AC) sostna li ġaladarba s-servizz mhuwiex qiegħed jingħata lir-residenti tal-Qajjenza, dawn qed ikollhom jinżlu fiċ-ċentru ta' Birżebbuġa.*

31.03.07 Il-proponent tal-Minuti (30) kien (AC), is-sekondat minn (SC).

## 31.04 Skeda ta' pagamenti u petty cash

31.04.01 Il-petty ma ġiex ippreżentat, wara li ma kienx tlesta mill-uffiċċju. Fl-iskeda tal-pagament, (AC) spjega fuq l-invoice marbuta mal-vers (38) wara laqgħa li kellu mal-Perit. Madankollu, il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat invoice reveduta, minħabba li s-servizz numru (3), ma kienx ġie mitlub mill-Kunsill.

31.04.02 Il-proponent kien (SZ), is-sekondat minn (DP).

## 31.05 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

31.05.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Xiri ta' ħġieġa għal wiċċ tal-mejda tal-boardroom
- Xiri ta' apparat tal-audio, għall-impjegata ġdida fil-Customer Care
- Xiri u servizz ta' tibdil fis-settijiet tal-hall porter

Ittieħdet deċiżjoni li l-ewwel tnejn, jinxtraw mingħand l-orħos fornitur, filwaqt li għall-aħħar servizz, jiġu ppreżentati żewġ kwotazzjonijiet oħra.

## 31.06 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

F' din it-taqsima ġew mistiedna l-kuntrattur tas-servizz tal-knis, flimkien mal-maniġer tal-kuntratti. Għaldaqstant, lir-rekordjar kellu jitwaqqaf, sakemm il-Kunsill jiddiskuti l-problema tal-knis, fil-lokalità.

31.06.01 Wara li l-Kunsill semgħa dak kollu li kellhom xi jgħidu l-maniġer tal-kuntratti, kif ukoll il-kuntrattur tal-knis, is-Sindku qajjem id-diskussjoni fuq dan l-aspett. (SC) qal li l-għada ser jiddiskuti mal-maniġer tal-kuntratti x'possibbilità hemm li l-Kunsill iħallas biex jiżdied ħaddiem ieħor fil-kuntratt rispettiv.

31.06.02 (AC) ta' l-parir li filwaqt li l-Kunsill jara jistax iżiedlu ħaddiem ieħor sal-aħħar ta' Lulju, jitpoġġa fuq prova ta' xahar, b' xahar, sal-għeluq tal-kuntratt ta' din is-sena.

31.06.03 (JB) qal li dan il-kuntrattur jinsab mgħobbi żżejjed, filwaqt li sostna li dak iż-żmien li ngħata dan it-tender, kienu qed jingħataw b' rati baxxi ħafna.

31.06.04 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li jekk niterminawlu l-kuntratt u nippubblikaw tender ieħor, jista' jagħti l-kas li dan il-kuntrattur jerġa' japplika u jikkwalifika.

31.06.05 Għaldaqstant, il-Kunsill qabel mal-proposta f' para. 31.06.02 u jikkonsulta mal-maniġer tal-kuntratti.

31.06.06 (SE) fakkret lis-Sindku, fuq il-ħatra għal pożizzjoni ta' skrivan ġdid fil-Kunsill. (SZ) spjega kif il-proċedura hi li wara li l-Kunsill jaħtar il-bord tal-għażla, il-bord għandu jlesti r-rapport u jitla' fis-seduta għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

## 31.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

31.07.01 (SE) ippreżentat kopja tal-Quarterly Financial Report, għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Madankollu, il-Kunsill talab għal aktar ħin sabiex japprovah.

31.07.02 (SE) staqsiet lil kunsilliera min jixtieq iservi bħala evaluator fit-tender tal-Ġnien l-Ewropa. In-nominazzjonijiet li ntlaħqu kienu: (SZ), (AC) u (SC), filwaqt li (SE) ser tkun is-segretarja u ċ-Ċerman imqabbad minn barra l-Kunsill.

31.07.03 (SE) fakkret ukoll lil Kunsill, sabiex mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa ta' Marzu 2021, jipprovdu r-write up għar-rapport amministrattiv, fuq bażi tas-sena 2020.

31.07.04 Wara talba minn (SC) fis-seduta preċidenti, sabiex id-dokumenti tal-Kunsill ikunu applodjati fuq is-sistema 'One Drive' li tkun tippermetti lil kunsilliera, sabiex jirrikorru lejhom meta jkun hemm bżonn, (SE) spjegat kif din ma tistax isseħħ. Dan wara li kkonfermat mat-taqsima tal-IMU fi ħdan id-dipartiment. Dan spjegaw illi l-kunsilliera mhumiex impjegati tal-Kunsill, filwaqt li meta jkollom bżonn jirreferru għal xi dokument partikolari, dawn ikunu jridu jitolbu l-awtorizzazzjoni mingħand is-Segretarju, Eżekuttiv.

## 31.08 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

- 31.08.01 Il-kunsillier (JBD) semmiet li xi nies avviċinawha fuq ħofra kbira lejn Għar Dalam. (AC) talabha tgħaddilu d-dettalji biex isegwi dan l-ilment.
- (JBD) staqsiet lil (AC) fejn ser jitwaħħlu l-bus shelters il-ġodda. (AC) wieġeb li għadhom mhux ċerti, minħabba li l-Awtorità għadha ma ddeċieditx lima kumpanija ser tkun qed twaħħilhom.
- (JBD) staqsiet aktar tagħrif fuq il-proġett ta' San Ġorġ. (AC) wieġeb li għaddej preżentament. Dwar dan is-suġġett, (SC) talab għall-pjanti, kif ukoll għat-traffic management. (AC) wieġeb li għad m' hemmx pjanti. (AC) spjega wkoll kif l-ilma ser jinqabad b'water catchment u jibqa' niżel għal baħar.
- (JBD) staqsiet fuq il-parkeġġ fi Triq Ferdinard. (AC) wieġeb li fuq dan l-aspett, ġejjien tal-Awtorità tat-Trasport.
- (JBD) ġibdet l-attenzjoni li fil-latrini ta' San Ġorġ, hemm flushing ma jaħdimx, kif ukoll handle maqlugħ. (MM) ser tkellem lil kuntrattur.

- 31.08.02 (SC) qal li kellmuh mir-Reġjun ta' Nofsinhar u ħabbru li ser ikunu qed joffru s-somma ta' €500.00, għal libreriji.
- (SC) fakkar ukoll li l-ġimgħa d-dieħla ser ikun qiegħed jattendi għal-laqgħa tal-GALXLOKK.

- (SC) tkellem fuq in-nuqqas ta’ dawl li hemm fi Triq il-Barrieri, li tagħti mit-Triq tal-Papa, għal Triq Tal-Gurgier. Huwa spjega kif m’ hemmx ilħuq u ż-żona tinsab fi stad perikoluż. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandna nibnu żewġ filatti fuq it-triq.
- (SC) talab lil (SE) sabiex torganizza laqgħa mal-Onorevoli Josè Herrera, sabiex il-lokalità ta’ Birżebbuġa tiġi kkunsidrata bħala żona Turistika.
- (SZ) qajjem il-punt fuq li l-proposta tad-Dog Park li ma ġietx inkorporata fil-pjanti tal-park, f’Bengħisa. (SZ) wieġeb li bagħat emajl lil Perit u l-Inġinier tal-proġett.
- (SC) irrimarka li fi Triq Sansanja, l-ilma tat-triq mhuwiex qiegħed jagħti lejn il-wied, filwaqt li qiegħed jintilef ġol ħamrija, u ma jlaħħaqx sal-water culvert. (SC) ftiehem mas-Sindku, sabiex imorru jarawh flimkien din iż-żona.
- (SC) fakkar lil (SE) fuq it-tabella taż-żwiemel. (SE) ser tiċċekja mal-uffiċċju.
- (SC) tkellem fuq id-domanda li l-uffiċċju qed jirċievi min-nies li huma interessati jżuru l-għar tal-friefett il-lejl. Huwa spjega kif il-post huwa perikoluż u mhuwiex kopert bl-ebda polza tal-assigurazzjoni. (SE) fakkret illi l-farfett il-lejl huwa speċi protett bil-liġi. Apparti li wieħed irrid ikollu permess mill-Awtorità tal-Ambjent, id-dawl jagħmillu ħafna ħsara. Is-Sindku qal li m’ għadx fadal friefett il-lejl, iżda jabbitá insett partikolari li jgħidu li jgħix f’ Għar Dalam.
- (SC) tkellem fuq is-sinjali li saru fi Triq il-Kanġu, wara li riċenti saru sinjali bojod u ntilfu ħafna parkeġġi. Huwa saħaq li dawn is-sinjali affettwaw ukoll Triq l-Imħar, u ssuġġerixxa li ssir one way. (SZ) spjega kif kien hemm talba lil Kunsill, biex issir double yellow line fuq naħa minnhom. L-Awtorità tat-Trasport tatna suġġeriment għal edge line u l-one way hija kumplikata, għalkemm għal TM, it-tnejn irridu jsiru. (SZ) ta’ istruzzjonijiet lil foreman tal-Kunsill, sabiex ma jkomplix jiżbogħ, biex jiddiskuti dil-problema mal-membri tal-Kunsill. Jidher li r-residenti ma qablux magħha, iżda jaqblu li t-triq issir one way. Skont il-proċeduri ta’ TM, hemm tabella li tindika l-wiesa’ tat-triq. Il-Kunsill ġie nnotifikat minn TM, li triq trid issir one way u parking naħa waħda biss. (JB) qal li f’ xi żmien kienet saret pjanta sħiħa u ma jaqbilx li dik it-triq issir one way. (SZ) ser jerġa’ jibgħat emajl lil TM, b’ dak kollu li ġie diskuss.

**Minħabba li għaddew tliet siegħat, intalbet estenzjoni ta’ 30 minuta. Il-proponent kien (AC), is-sekondat minn (MM).**

- 31.08.03 (AC) staqsa fuq l-Ibins ta’ Triq il-Port Ħieles. (SE) wieġbet li fil-preżent għaddejja korrispondenza mal-GreenPak.
- (AC) staqsa fuq it-tender għal fanali ta’ Bengħisa u Misraħ San Ġorġ. (SZ) wieġeb li għad m’ hemm xejn.
- (AC) spjega kif TM aċċettat il-proposti tagħna fuq il-Berm u ser issir reviżjoni tal-pjanta.
- (AC) staqsa lil (SE) jekk kinitx saret il-purchase order għas-survey għall-isleeping policeman ta’ Triq il-Port Ħieles. (SE) ser tiċekkja mall-uffiċċju.
- (AC) spjega kif mar mal-foreman fejn il-monument tas-Summit, sabiex jara l-fanali u l-globi. Huwa qal li hemm żewġ fanali li ser jinżebgħu blu, però l-parti ta’ fuq hija fl-għoli u l-ħaddiema tal-komunità mhumiex lesti li jagħmluha. Għaldaqstant, issuġġerixxa li nqabdu lil kuntrattur tal-istreet lightning, sabiex forsi jkun lest li jagħmel dan ix-xogħol inkorporat mal-bidla tal-globi. (AC) staqsa lil (SZ) kemm tiswa flus biex inbidlu l-globi u jekk hiex parti mit-tender. (AC) qal li ser iġib tliet kwotazzjonijiet u jżomm lil membri aġġornati.

- (AC) tkellem fuq il-problema tal-Caravans. (SZ) spjega kif il-pulizija fil-komunità qed tfassal Bye-Law li ser tkun konġunta mal-lokalità ta' Marsaxlokk. Fil-preżent hemm infurzar min-naħa ta' TM, u hemm it-tabella mwaħħla. (MM) staqsiet kif xorta waħda hemm nies li qegħdin jgħixu fil-caravans. (SZ) issuġġerixxa li għandna nagħmlu l-istess tabelli fil-parkeġġ ta' San Ġorġ. (SC) qal li jixtieq li ma nagħtux l-impressjoni li dik iż-żona hi ta' xi ħadd kummerċjali.

- 31.08.04 Il-kunsilliera (MM) tat spjegazzjoni tal-laqgħa li attendiet f' isem il-Kunsill, dwar proposti għar-rimi tal-iskart. Waqt din il-laqgħa ġie ppropost illi fil-lokalitajiet, ikun hemm żona apposta bħal skip kbir taħt l-art, filwaqt li r-residenti jmorru permezz ta' card, jiftħu u jarmu. Din il-proposta ser tkun fi ħdan ir-Reġjun. (SC) staqsa dwar in-nies vulnerabbli, kif ser jagħmlu użu minn din il-proposta. (SZ) wieġeb li din għadda taħt konsultazzjoni u ma kienx hemm Sindku wieħed li kien favur.

- (MM) staqsiet lil (SZ) fiex wasalna fil-mowbajl CCTVs u jekk Triq it-Torri tagħmilx ma' Birżebbuġa. (SZ) wieġeb li Triq it-Torri tagħmel ma' Birżebbuġa u li għandna nagħmlu l-isleeping policeman min-naħa tagħna, filwaqt li fuq is-CCTVs qiegħed jaħdem fuqhom.

- (MM) staqsiet fuq sqaq għat-Triq tal-Papa, f' tarf tat-Triq l-Imnarja, fejn persuna talbet jekk jistax jitnaddaf u jitħawlu xi siġar. (AC) wieġeb li dik iż-żona mhiex ODZ u għaldaqstant ma tistax tħawwel siġar.

- (MM) uriet ritratt li juri l-ħajt imwaqqa' f' Wied il-Buni. (AC) qal li għandna nkellmu lil Perit u nagħmluha f' applikazzjoni waħda mal-Cat Village.

- (AC) talab lil (MM) sabiex tibgħatlu r-ritratti ta' Triq il-Port Ħieles, maġemb Triq San Ġużepp.

- (MM) qajmet il-punt tal-istadju li tinsab fiha l-Berġa tas-saħħa, ġewwa l-lokalità. (MM) għandha tibgħat ir-ritratti lis-(SE), sabiex tressaq dan l-ilment lid-dipartiment tas-saħħa pubblika.

- 31.08.05 Il-Kunsillier (DP) staqsiet lis-(SE) fiex waslu t-tabelli li kienu ordnati. (SE) wieġbet li qegħdin fil-proċess.

- (DP) staqsiet lil (SZ) fiex wasal l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq Santa Marija. (SZ) wieġeb li fil-preżent minħabba li qiegħed issir il-proġett ta' San Ġorġ, qegħdin nistennew it-traffic management.

- (DP) staqsiet lil (SZ) meta ser jibda jiltaqgħu l-kumitati l-ġodda, kemm tat-tisbiħ tal-pjazza kif ukoll tat-traffic management. (SZ) wieġeb li aktar tard matul dan ix-xahar, jew fit-28 jew 29. (DP) staqsiet jekk hux possibbli li nżiedu membru ieħor fil-kumitat. Filwaqt li (SZ) qal li huwa possibbli, fl-istess ħin wera d-dubju tiegħu jekk ser ikun qiegħed jiffunzjona. Madankollu (DP) ser tkun qiegħda tibgħat id-dettalji ta' dil-persuna interessata lil (SZ).

- (DP) staqsiet lil (SZ) dwar it-traffic management fil-Qajjenza. (AC) qal li kien diġà sar xi tip ta' eżerċizzju. Madankollu (SZ) ser ikun qiegħed jibgħat id-dettalji lis-(SE), sabiex tibgħat emajl lill-Awtorità tat-Trasport.

- Il-membri tal-Kunsill approvaw is-suġġeriment ta' (DP), sabiex ħaddiem tal-komunità fi ħdan il-Kunsill, jibni djar għal ħarsien tal-qtates. (DP) ser tkun qed tgħaddi l-informazzjoni bil-qisien u d-dettalji lis-(SE), sabiex isir dan ix-xogħol. Madankollu, (SE) staqsiet lil (DP) min ser ikun qiegħed inaddaf dawn id-djar tal-qtates. (DP) wieġbet li n-nies stess li jieħdu ħsieb jitmgħu u jsewwu l-qtates, ser jiġu mitluba sabiex inaddfu.

- (DP) tkellmet fuq l-iskeda tal-Cat Neutering għal iskema tal-vawċers, kif kienu r-rappreżentanti stess mill-Animal Welfare, li ddeċiedu kif dawn il-vawċers allokati lil Kunsill jitqassmu lin-nies. (SC) qal li ma jaqbilx mal-iskema tal-vawċers. Huwa qal li għandna nikkunsidraw l-option tal-ikel.

- 31.08.06 Il-kunsillier (SZ) staqsa dwar il-bandla għal tfal b' diżabilità. (SC) spjega kif wara konsultazzjoni mal-ex Kummissarju tal-Persuni b' Diżabilità, huwa ġie mgħaraf illi dik it-tip ta' bandla li qegħdin nipproponu, mhix permessibbli. Għaldaqstant, (SC) ser ikun qiegħed jibgħat emajl lil membri, bl-istampi tal-proposti għal amusement park.

- (SZ) tkellem fuq bankina li qiegħda Ħal Far, kantuniera ma' Triq tal-Papa, li aktar kmieni wara nofsinhar ġiet referruta lil Infrastructure Malta.

- (SZ) tkellem fuq l-isleeping policeman ta' Triq it-Torri, li l-Kunsill iddeċieda li ser jagħmel. (AC) spjega li ta' Triq ir-Raddiena kantuniera ma' Triq tal-Ġebel, ser jagħmilhom il-Kunsill.

- (SZ) staqsa lil (AC) dwar ix-xogħlijiet marbutin mal-islipway ta' ħdejn il-pont tax-shell, meta ser jitkomplu. (AC) ser ikun qiegħed isegwi u jikkonferma lil membri.

- (SZ) tkellem ukoll dwar it-tender tal-Kunsill l-Ewropa, kif għadda kopja lil membri sabiex ikunu aġġornati.

- (SZ) fakkar lil membri dwar il-laqgħa li hija proposta għad-19 ta' Jannar, 2021, mal-pulizija fil-komunità, sabiex jagħtu rapport tax-xogħol li wettqu matul is-sena 2020.

- (SZ) staqsa lil (AC) dwar Dawret il-Qalb Imqaddsa, sewwa sew quddiem il-piċċ tal-Waterpolo. (AC) wieġeb li ser nagħduh lil Infrastructure Malta, minħabba l-proġett, filwaqt li dik l-area ser jissuġġerixxi li ssir anti-slip.

- (SZ) spjega dwar it-tabelli tal-one way, hekk kif wieħed joħroġ minn Triq id-Duluri / Triq San Pawl u Triq it-tankijiet.

- (SZ) tkellem ukoll dwar Triq FM Ferretti, il-biċċa ta' fuq, fejn beħsiebna nagħmlu r-roundabout. (AC) wieġeb li l-Awtorità tat-Trasport qalulu li ser ikunu qegħdin jipproċessaw ġaladarba l-Kunsill jgħaddilhom il-lista tat-traffic management. Madankollu, (SZ) ma qabilx fuq din it-tweġiba. (AC) qal li ser jerġa' jitkellem mal-

Perita. (SZ) staqsa lil (AC) jekk hemmx xi possibilità li mmissu mil-bankina fi Triq FM Ferretti, sabiex indaħħlu aktar parkeġġ. Fuq dan l-aspett ser ikun qiegħed jibgħat ir-ritratti u d-dettalji lil (AC).

- (SZ) flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li t-Triq il-binja fit-tarf ta' Triq il-Port Ħieles, tissemma Triq Feliċjan.

- (SZ) bi qbiel mal-kunsilliera preżenti qal li ser ikun qiegħed iressaq talba lill-uffiċċju għal lampi ġodda: lampa fi Triq Tal-Ġurgier/ żewġ lampi fi Sqaq il-Kunċizzjoni u lampa fi Triq tal-Papa.

- (SZ) aġġorna lil membri li d-disabled personal parking, f' Tank Street, ġiet approvata mill-Awtorità tat-Trasport.

- (SZ) fakkar ukoll fuq mistoqsija li kien għamel lil Kunsill sabiex tinxtara nassa tal-qtates u li din ser tkun qed tinxtara bil-fondi.

- (SZ) tkellem ukoll fuq li reġgħu nfetħu l-applikazzjonijiet għal Measure 1, u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika, sabiex tiġi rrestawrata l-pittura fil-Kappella tas-Sagra Familja. Madankollu, (SC) ssuġġerixxa li dawn il-fondi nużawhom għal proġett differenti fejn wieħed ikun jista' jmur jara l-ismijiet tat-toroq, u permezz ta' applikazzjoni fuq il-mowbajl, ikun jista' jkollu tagħrif marbut ma' isem it-triq.

## 31.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.09.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-disgħa u għoxrin ta' fil-għaxija. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, tkun il-Ħamis, 18 ta' Frar, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | ________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |